MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 63/2011

**Winex Holding Ltd (C-21511)**

**vs**

**Melita Gaming Network Ltd. (C-34432)**

Il-Bord

Ra r-rikors guramentat li jghid hekk:

1. Illi permezz ta' kuntratt ta' kera datat is-17 ta' Frar 2008, is-socjeta' rikorrenti kriet il-fond appartament numru 2/4A gewwa l-blokk ta' appartamenti esternament numerat 12, Tigne Place, Tigne Street, Sliema lis-socjeta' intimata kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala WNL 1;

2. Illi s-socjeta' intimata hija diversi drabi li waqghet moruza fil-hlas tal-kera b'dan illi l-kera mix-xhur

ta’ Frar 2011 sa’ Awissu 2011 pagabbli bil-quddiem, illi komplessivament jammontaw ghal hdax-il elf tmien mija u erbgha u disghin Ewro u hames centezmi (€11,894.05), ghadhom dovuti, u dan bi ksur esplicitu tal-Artikolu 10(1)(a) tal-kuntratt citat li jaghti lok ghar-rexxizjoni u kwindi ghar-ripreza tal-fond de quo;

3. Illi tul l-okkupazzjoni taghha tal-fond de quo sal-lum hija naqset milli thallas il-kontijiet in konnessjoni mal-konsum tad-dawl u ilma ammontanti ghal hamest elef erba mija u wiehed u sittin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€5,461.61), kif ukoll tal-porterage fees, ammontanti ghal tlett mija u tmienja u disghin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€398.32) kif jirrizulta mill-annessi Dokumenti mmarkati Dok WHL 2 u Dok WHL 3 rispettivament;

4. Illi minkejja nterpellata diversi drabi biex thallas dak minnha dovut kif ukoll biex tizgombra l-fond u tirritorna c-cwievet, hija baqghet inadempjenti;

5. Illi fil-fehma tas-socjeta’ rikorrenti, u sa fejn taf hi, s-socjeta’ intimata m’ghandhiex difiza xi tressaq ghal dawn it-talbiet;

6. Illi s-socjeta’ rikorrenti taf b’dawn il-fatti dikjarati personalment;

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq esposti, s-socjeta’ rikorrenti umilment titlob illi dan l-Bord sabiex joghgbu:

1. Jilqa’ t-talba sabiex dan ir-rikors jigi trattat bi procedura sommarja u minghajr ma jghaddi ghas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Jiddikjara mitmuma l-kirja bejn il-partijiet stante l-inadempjenza tas-socjeta’ konvenuta illi tonora l-obbligi kuntrattwali taghha;

3. Jordna l-izgumnrament tas-socjeta’ konvenuta mill-fond appartament 2/4A gewwa l-blokk ta’

appartamenti esternament numerat 12, Tigne Place, Tigne Street, Sliema u dan entro terminu qasir u perentorju;

4. Jidikjara lis-socjeta' konvenuta debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma komplessiva ta' sbatax-il elf seba' mija u tlieta u hamsin Ewro u hamsa u disghin Ewro (€17,753.95), kwantu hdax-il elf tmien mija u erbgha u disghin Ewro u hames centezmi (€11,894.05) ghal arretrati ta' kera; hamest elef mija u wiehed u sittin Ewro u wiehed u sttin centezmu (€5,461.61) ghall-kontijiet ta' konsum ta' elettriku u ilma, kif ukoll tlett mija u tmienja u disghin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€398.32) ghall-porterage fees.

5. Jordna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma komplessiva ta' sbatax-il elf seba' mija u tlieta u hamsin Ewro u hamsa u disghin Ewro (€17,753.95), kwantu hdax-il elf tmien mija u erbgha u disghin Ewro u hames centezmi (€11,894.05) ghal arretrati ta' kera; hamest elef mija u wiehed u sittin Ewro u wiehed u sttin centezmu (€5,461.61) ghall-kontijiet ta' konsum ta' elettriku u ilma, kif ukoll tlett mija u tmienja u disghin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€398.32) ghall-porterage fees kif intqal fuq;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid u Mandat ta' Sekwestru u bl-imghax legali mis-17 ta' Frar 2011 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Ra illi s-socjeta' intimata debitament notifikata naqset milli tidher biex tikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti kif ukoll milli tirregistra objezzjoni ghall-istess pretensjonijiet;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi din hija kawza ghar-ripreza ta' fond bazata fuq il-morozita' fil-hlas tal-kera dovuta mis-socjeta' intimata kif ukoll ghall-hlas ta' arretrati tal-kera u hlas ta' kontijiet

ghall-konsum ta’ dawl u ilma u dan bil-procedura sommarja kif ravvizata fl-artikolu 16A tal-Kap 69;

Illi rapprezentant tas-socjeta’ rikorrenti xehed u ikkonferma bil-gurament il-fatti minnu maghrufa. F’kawzi bazati fuq premessi bhal dak in dizamina, l-Bord xorta wahda hu tenut jaghmel skrutinju tar-ragunijiet li waslu ghal-morozita’ u jekk kienx hemm motivazzjoni skuzanti fil-ligi li tista’ tkun ta’ difiza ghall-intimat izda f’dan il-kaz dan ma setghax issr stante l-assenza totali tas-socjeta’ intimata minn dawn il-proceduri;

Il-Bord ghalhekk jilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti bid-dispensa ta’ smiegh skond id-dispost tal-artikolu 16A tal-Kap 9 u jikkundanna lis-socjeta’ intimata thallas lis-socjeta’ rikorrenti l-ammonti minnha mitluba u kif elenkati fir-rikors promutur bl-imghax skond il-ligi. Jawtorizza ukoll lis-socjeta’ rikorrenti tirriprendi l-fond mertu tal-kawza fi zmien tletin (30) jum mil-lum.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------